A.L. 45 tal-2026

ATT LI JWAQQAF L-AWTORITÀ DWAR L-UŻU RESPONSABBLI TAL-KANNABIS (KAP. 628)

Regolamenti tal-2026 dwar l-Użu Responsabbli tal-Kannabis (Pussess ta' Kannabis minn Assoċjazzjonijiet)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 20 tal-Att li jwaqqaf l-Awtorità dwar l-Użu Responsabbli tal-Kannabis, il-Prim Ministru għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

1. (1) It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu r-Regolamenti tal-2026 dwar l-Użu Responsabbli tal-Kannabis (Pussess ta' Kannabis minn Assoċjazzjonijiet). Titolu u għan.

(2) L-għan ta' dawn ir-regolamenti huwa li jimplimenta limiti fuq il-kwantità ta' Kannabis li tista' tinżamm minn assoċjazzjonijiet imwaqqfa skont id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 7A tal-Att dwar Dipendenza fuq id-Droga (Trattament mhux Priġunerija). Kap. 537.

2. F'dawn ir-regolamenti, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma teħtieġx xort'oħra: Tifsir.

"amministratur" tfisser kwalunkwe persuna li hija maħtura jew eletta sabiex tifforma parti mill-Bord tal-Amministraturi ta' assoċjazzjoni sabiex tikkontrolla u tamministra tali assoċjazzjoni;

"assoċjazzjoni" għandu jkollha l-istess tifsira kif mogħti lilha fir-regolament 5 tar-Regolamenti dwar l-Użu Responsabbli tal-Kannabis (Liċenzjar tal-Organizzazzjonijiet) u għandha tinkludi "organizzazzjoni" skont l-artikolu 7A tal-Att dwar Dipendenza fuq id-Droga (Trattament mhux Priġunerija); L.S. 628.01. Kap. 537.

"Awtorità" tfisser l-Awtorità dwar l-Użu Responsabbli tal-Kannabis kif imwaqqfa bl-artikolu 3 tal-Att li jwaqqaf l-Awtorità dwar l-Użu Responsabbli tal-Kannabis; Kap. 628.

"Kannabis" għandu jkollha l-istess tifsira kif mogħti lit-tifsira "*Cannabis*" fl-artikolu 2(1) tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikoluż; Kap. 101.

"kategorija" tfisser kwalunkwe mill-kategoriji ta' permessi stabbiliti fl-Ewwel Skeda tar-Regolamenti dwar l-Użu Responsabbli tal-Kannabis (Liċenzjar tal-Organizzazzjonijiet); L.S. 628.01.

"sit ta' distribuzzjoni" tfisser proprjetà approvata mill-Awtorità sabiex tintuża għad-distribuzzjoni tal-Kannabis lill-membri ta' assoċjazzjoni;

"sit ta' kultivazzjoni" tfisser proprjetà approvata mill-Awtorità sabiex tintuża għall-kultivazzjoni tal-Kannabis minn assoċjazzjoni.

Trasportazzjoni ta' Kannabis minn assocjazzjonijiet.

3. Minkejja kwalunkwe dispożizzoni f'dawn ir-regolamenti, it-trasportazzjoni tal-Kannabis għandha titwettaq biss minn persuni debitament awtorizzati bil-miktub mill-Awtorità għal dan il-għan u kif soġġett għal tali kondizzjonijiet u limitazzjonijiet li jistgħu jiġu imposti mill-Awtorità permezz ta' strument vinkolanti jew struzzjoni bil-miktub. Kwalunkwe trasportazzjoni tal-Kannabis mingħajr tali awtorizzazzjoni bil-miktub minn qabel, jew fi kwantitajiet li jeċċedu l-limiti stabbiliti, għandha tkun projbita.

Ħażna ta' Kannabis f'siti ta' distribuzzjoni.

4. Assoċjazzjoni tista' żżomm ħażna tal-Kannabis fis-sit ta' distribuzzjoni, ippakjata u ssiġillata kif stipulat mill-Awtorità permezz ta' strument vinkolanti jew struzzjoni oħra bil-miktub, f'ammonti li ma jeċċedux dawk indikati fl-Iskeda.

Ħażna ta' Kannabis f'siti ta' kultivazzjoni.

5. Assoċjazzjoni tista' żżomm il-kumplament tal-ħażna tal-Kannabis fis-sit ta' kultivazzjoni, kif soġġett għal dawk il-limiti kwantitattivi li jistgħu jiġu stabbiliti mill-Awtorità permezz ta' strument vinkolanti jew struzzjoni oħra bil-miktub, minn żmien għal żmien. Kwalunkwe kwantità ta' Kannabis li teċċedi tali limiti għandha tiġi meqruda minnufih, u kemm il-ħażna tal-Kannabis kif ukoll il-qerda tal-ħażna eċċessiva għandhom jiġu mwettqa strettament skont il-proċeduri u l-kondizzjonijiet li jistgħu jiġu stabbiliti mill-Awtorità permezz ta' strument vinkolanti jew struzzjoni oħra bil-miktub:

Iżda l-Awtorità għandha, meta tiddetermina l-kwantità ta' Kannabis li l-assoċjazzjoni tista' tirritjeni, tqis id-daqs tal-assoċjazzjoni u d-domanda tal-membri tagħha:

Iżda wkoll fl-ebda każ l-assoċċjazzjoni ma għandha żżomm fis-sit ta' kultivazzjoni kwantità ta' Kannabis li teċċedi l-ekwivalenti ta' provvista ta' tmien (8) xhur, ikkalkulata fuq domanda ta' ħamsin gramma (50g) fix-xahar għal kull membru, skont in-numru massimu ta' membri permess fil-kategorija li fiha tkun ingħatat permess sabiex topera.

Reati u pieni.

6. (1) Il-Qorti tal-Maġistrati bħala qorti ta' ġudikatura kriminali għandha tkun kompetenti sabiex tieħu konjizzjoni tar-reati stipulati f'dawn ir-regolamenti.

(2) Kwalunkwe persuna jew assoċjazzjoni li, bi ksur tar-

regolament 3, tittrasporta Kannabis f'isem assoċjazzjoni mingħajr l-awtorizzazzjoni bil-miktub minn qabel tal-Awtorità, jew ikollha fil-pussess tagħha Kannabis f'ammonti ogħla minn dawn awtorizzati, għandha tkun ħatja ta' reat u għandha tkun soġġetta meta tinsab ħatja għal multa ta' mhux anqas minn elf euro (€1,000) iżda mhux aktar minn għaxart elf euro (€10,000).

(3) Kwalunkwe persuna jew assoċjazzjoni li, bi ksur tar-regolament 4, iżżomm ħażna ta' Kannabis fis-sit ta' distribuzzjoni f'ammonti akbar minn dawk permessi fl-Iskeda, għandha tkun ħatja ta' reat u għandha tkun soġġetta meta tinsab ħatja għal multa ta' mhux anqas minn elfejn euro (€2,000) iżda mhux aktar minn għaxart elf euro (€10,000).

(4) Kwalunkwe persuna jew assoċjazzjoni li, bi ksur tar-regolament 5, iżżomm ħażna ta' Kannabis fis-sit ta' kultivazzjoni f'ammonti akbar minn dawk permessi fir-regolament 5, jew kif stipulat fi kwalunkwe strument vinkolanti jew struzzjoni bil-miktub maħruġa mill-Awtorità, għandha tkun ħatja ta' reat u għandha tkun soġġetta meta tinsab ħatja għal multa ta' mhux anqas minn ħamest elef euro (€5,000) iżda mhux aktar minn ħamsin elf euro (€50,000):

Iżda fejn persuna jew assoċjazzjoni tinsab ħatja ta' reat u l-kwantità ta' Kannabis maħżuna tkun teċċedi l-massimu indikat fir-regolament 5, il-multa għandha tkun ta' mhux anqas minn għoxrin elf euro (€20,000).

(5) Bla ħsara għas-subregolamenti preċedenti, kwalunkwe persuna, sew jekk membru, uffiċjal, impjegat, amministratur, jew kwalunkwe individwu ieħor li jaġixxi għal, permezz ta', jew b'konnessjoni ma' assoċjazzjoni, li jipparteċipa fi, jawtorizza, jagħti l-kunsens tiegħu għal, jew b' xi mod ieħor iwettaq imġiba li tikkostitwixxi reat taħt dawn ir-regolamenti, għandha bl-istess mod tkun ħatja ta' dak ir-reat u għandha meta tinstab ħatja teħel il-piena preskritta għal dak ir-reat skont kif preskritt fis-subregolamenti (2), (3) u (4).

(6) Sabiex jiġi evitat kull dubju, ir-responsabbiltà stabbilita f'dawn ir-regolamenti għandha tapplika irrispettivament minn jekk l-aġir jiġix imwettaq f'isem, b'kollaborazzjoni ma', jew indipendentement mill-assoċjazzjoni kkonċernata.

(7) L-impożizzjoni ta' kwalunkwe piena skont dan ir-regolament għandha tkun bla ħsara għal kwalunkwe proċedura, azzjoni, jew prosekuzzjoni kriminali li jistgħu jiġu istitwiti minn kwalunkwe awtorità kompetenti oħra, inkluża l-Pulizija Eżekuttiva, skont kwalunkwe liġi oħra applikabbli, inklużi iżda mhux limitatament għad-dispożizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikoluż̇i.

Kap. 101.

(8) Bla ħsara għal kwalunkwe proċeduri oħra li jistgħu jinbdew skont kwalunkwe liġi applikabbli, l-Awtorità tista', meta jidhrilha xieraq fiċ-ċirkostanzi, tipproċedi skont l-artikolu 7Ċ tal-Att dwar id-Dipendenza fuq id-Droga (Trattament mhux Priġunerija), u tista' timponi penali amministrattiva bħala alternattiva għal proċeduri kriminali għal kwalunkwe reat skont dawn ir-regolamenti.

Kap. 537.

Skeda
Ħażna ta' Kannabis li tista' tinżamm fis-Sit ta' Distribuzzjoni

Kategorija 1	tliet mija u ħamsin gramma (350g)
Kategorija 2	seba' mitt gramma (700g)
Kategorija 3	kilo u seba' mija u ħamsin gramma (1.75kg)
Kategorija 4	żewġ kilos u erba' mija u ħamsin gramma (2.45kg)
Kategorija 5	tliet kilos u ħames mitt gramma (3.5kg)
